MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2014

Numru. 242/2014

**Il-Pulizija**

**[Spettur Robert Said Sarreo]**

**vs**

**Amanda Cuschieri**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Amanda Cuschieri detentrici tal-karta tal-identita` numru 296694(M).

Akkuzata talli:

1. Nhar it-8 ta' Marzu, 2014 ghal habta tas-7:30am, gewwa Triq Latmija, Marsaskala, attakat u/jew ghamlet rezistenza bi vjolenza u/jew b'hebb ta' xorta li ma titqisx vjolenza pubblika, kontra PS 1576 Simon Grech, WPC 292 Rose Marie Spiteri, persuni inkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu qed jagixxu ghall-ezekuzzjoni tal-Ligi jew ta' ordni mghoti skont il-ligi mill-awtorita' kompetenti u dan bi ksur tal-Artikolu 96 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta,
2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ingurjat u jew heddet, jew ghamlet offiza fuq il-persuna ta' wiehed inkarigat skont il-ligi minn servizz pubbliku, u cioe PS 1576 Simon Grech, WPC 292 Rose Marie Spiteri u/jew persuni ohra, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li tbezzaghhom jew li tinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz, u dan bi ksur tal-Artikolu 95 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta,
3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hebbet ghal persuna ta' PS 1576 Simon Grech, WPC 292 Rose Marie Spiteri u/jew persuni ohra, u kkagunatilhom feriti ta' natura hafifa skont ma ccertifikaw Dr Jennifer Sultana MD u Dr Rebecca Fenech MD tac-centru tas-sahha Rahal Gdid, u dan bi ksur tal-Artikolu 222 (1) (c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta,
4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassret, ghamlet hsara jew gharrqet hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' beritta u qmis tal-Pulizija, liema hsarat ma jeccedux il-116.47 Euro, ghad-detriment tal-Gvern ta' Malta u/jew persuna/i ohra, u dan bi ksur tal-Artikolu 325 (1) (c) u (d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta,
5. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, u kif ukoll gewwa l-Ghassa tal-Pulizija ta' Haz-Zabbar u bnadi ohra f'dawn il-gzejjer, ghamlet ingurja jew theddid mhux imsemmi band'ohra fil-Kodici Kriminali jew, jekk kienet ipprovokata, ingurjat, b'mod li hareg barra mil-limiti tal-provokazzjoni lil l-Ispettur Robert Said Sarreo, PS 1576 Simon Grech, WPC 292 Rose Marie Spiteri, PS 624 K. Mallan, PC 1043 Leon Xuereb, PC 835 Christian Agius u/jew persuni ohra, u dan bi ksur tal-Artikoli 339 (e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta,

6. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, u kif ukoll gewwa l-Ghassa tal-Pulizija ta' Haz-Zabbar u bnadi ohra f'dawn il-gzejjer m'obdietx l-ordnijiet legittimi tal-awtorita' jew ta' persuni inkarigati minn servizz pubbliku, u/jew ma hallíethomx jew fixklithom waqt li kienu jaghmlu d-dmirijiet taghhom, jew b'xi mod iehor, bla jedd, indahlet fi dmirijithom, billi ma hallietx lil haddiehor jaghmel dak li bil-ligi jkun ordnat jew jista' jaghmel, jew billi gabet fix-xejn dak li haddiehor kien ghamel skont il-ligi, jew b'xi mod iehor li jkun u dan bi ksur tal-Artikolu 338 (ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta,
7. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, u kif ukoll gewwa l-Ghassa tal-Pulizija ta' Haz-Zabbar u bnadi ohra f'dawn il-gzejjer, kisret il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied, u dan bi ksur tal-Artikolu 338 (dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta,
8. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, u kif ukoll gewwa l-Ghassa tal-Pulizija ta' Haz-Zabbar u bnadi ohra f'dawn il-gzejjer, irrendiet ruha recidiva ai termini tal-Artikolu 49 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li giet misjuba hatja b'diversi sentenzi mghotija mill-Qrati ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx jigu mibdula.

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tapplika wkoll l-Artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta` ta' din il-persuna/i hawn fuq indikati; u

Rat ukoll it-talba tal-prosekuzzjoni li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412(C) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li jidhrilha xierqa; u

Rat ukoll it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzata ghall-hlas ta' spejjez li kellhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti pprezentati; inkluz il-Kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja; u

Rat l-artikoli indikati; u cioe` l-Artikoli 96, 95(1), 222(1)(c), 325(1)(c) u d, 339(e), 338(ee)m 338(dd)m 49, 383, 384, 385 u 412C tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Stante ammissjoni u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghatat z-zmien opportun sabiex tkun tista' tirregola ruhha, qed issib lill-imputata Amanda Cuschieri hatja tal-akkuzi kif dedotti kontriha u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundannaha tmien (8) xhur prigunerija sospizi ghal sentejn (2).

Il-Qorti tordna lill-imputata Amanda Cuschieri thallas is-somma ta' sitta u ghoxrin Ewro u hmistax-il centezemu (€26.15) lill-Kummissarju tal-Pulizija rapprezentanti d-danni subiti u dan fi zmien sitt (6) xhur mil-lum.

Finalment, spjegat lill-imputata fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk tali ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------